# LIL DUN KARM

Ta' PAWLU MIFSUD

*Fl-okkażjoni tal-kxif u t-tberik tal-lapida, il-Ħadd, 17 t'Ottubru 1965, mad-dar fejn Dun Karm twieled, Ħaż-Żebbuġ.*

Jekk il-poeti kollha ta' dil-Gżira
Iħarsu lejk b'imħabba u b'missier tagħhom
Dejjem qisuk, u f'moħħhom it-tifkira
Ħanina tiegħek għadha qed tgħix magħhom,

Inħoss li jien, iben il-Poeżija,
Għandi l-jedd nifraħ bik w ismek insejjaħ
Daqshom ilkoll u iktar, la tarbija
Bħalek twelidt u għext f'dar-raħal sbejjaħ.

Bħalek Żebbuġi u bħalek inħoss f'qalbi
Ix-xenqa safja għall-għanjiet ħelwin
Li jhennu l-qlub imtaqqla tal-bnedmin;

Lilek insellem, fik niftakar f'talbi,
Għaliex kull meta ninseġ l-għana tiegħi
Inħoss li Int tkun hemm titkellem miegħi.